**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 324 / 2019**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Kurt Amato**

**<u>Illum, 5 ta' Settembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Kurt Amato detenur tal-karta tal-identita Maltija 44797M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Naqas li joqgħod għad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan (i) billi kien qieghed jonqos milli jzomm ruhu f'kuntatt mal-istess ufficjal tal-probation; (ii) ghandu l-vizzju tal-loghob tal-azzard u kien qieghed jonqos li jzomm mal-pjan ta' kura mfassal ghalih; u (iii) billi ammetta li jaghmel uzu mill-kannabis naqas li jissottometti ruhu ghal testijiet tal-urina u ma kienx possibbli jigi eskluz l-uzu ta' sustanzi illeciti ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-18 ta' Novembru, 2019, fejn;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, ttrattat ma' Kurt Amato ghar-reati li taghhom instab hati fil- 31 ta' Lulju 2017 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif irrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, kkundanatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kurt Amato, prezentat fir-registru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar is-4 ta’ Dicembru, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tvarja is-sentenza appellata b’dan ili filwaqt li tikkonferma f’dik il-parti taghha fejn id-denunzjant instab hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probabtion tal-31 ta’ Lulju 2017 tirriforma is-sentenza in kantu piena u minflok tinghata piena aktar miti u gusta skond il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Kurt Amato li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi jinghad preliminarjament, u a skans ta' kull ekwivoku illi l-esponenti ma huwiex qed jappella mid-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Novembru 2019 f'dik il-parti taghha in kwantu sabet illi l-esponenti kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation. L-esponenti però qed jintavola dan l-appell ghaliex umilment jikkontendi li l-piena li giet imposta kellha tkun wahda aktar miti ghar-ragunijiet li ser jitressqu l-quddiem f'dan l- umili appell, u kwindi l-aggravju tieghu huwa limitat dwar il-piena.

Illi maghmulha din il-kjarifika l-esponenti umilment jibda' dan l-aggravju tieghu billi minghajr ma b'xi mod jipprova jpingi abjad dak li huwa abjad jew vice versa, jew igib fix-xejn in-nuqqasijiet tieghu, jippuntwalizza bir-rispett però, li kif del resto kkonfermat il-Qorti tal-Magistrati fid-decide taghha, in-nuqqas tal-esponenti li wassal

ghal kaz in kwistjoni jinkwadra taht l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar ksur tal-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation, u ma jinkwadrax taht l-artiklu 23 tal- Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta li jitratta sejbien ta' htija ohra matul il-perjodu tal- Probation.

Jigi rilevat li din id-distinzjoni qegħda issir mhux biex l-esponenti jipprova jinheba wara subghajh, izda biss biex jippuntwalizza distinzjoni li anke l-legislatur kien gharaf li għandu jiddistingwi tant li z-zewgt sitwazzjonijiet huma trattati partikoli differenti tal-ligi, u jgibu maghhom effetti differenti.

Illi l-**artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta** li huwa applikabbli għall-kaz odjern jistipola li:

> "*(2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twoħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin centeżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.*"

Dan l-istess artikoli juri bir-rispett kif il-legislatur f'dan il-kaz kien qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn, nonostante li l-denunzjat jikser xi ordni tal-probation, tali denunzjat xorta wahda jkollu c-cans li jinghata ammenda ta' €232.94 bhal piena minflok karcerazzjoni effettiva. [1]

Dan kollu juru allura kif il-legislatur ma kienx lest li jillimita u jirristringi c-cans ta' riabilitazzjoni ta' persuna li tikser ordni ta' probation, u huwa f'dan l-isfond li l-esponenti qed iressaq dan l-arrgavju tieghu.

L-esponenti jifhem u japprezza li l-Ewwel Qorti tat cans lill-esponenti billi ma ddecidietx d-denunzja mill-ewwel, u jifhem ukoll illi jidher li l-isforzi li ghamel matul dan iz-zmien kollu kienu zghar wisq u forsi xi ftit tardivi.

Madanakollu, l-esponenti izid bl-ikbar umiltà li filwaqt li jista' jkun li dan huwa kaz fejn l-appellanti innifsu induna tard wisq bil-problemi li huwa kellu, huwa umilment

> *Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa applikabbli għall-kaz odjern jistipola li:*
>
> *"(2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat."*

Dan l-istess artikoli juri bir-rispett kif il-legislatur f'dan il-kaz kien qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn, nonostante li l-denunzjat jikser xi ordni tal-probation, tali denunzjat xorta wahda jkollu c-cans li jinghata ammenda ta' €232.94 bhal piena minflok karcerazzjoni effettiva. [1]

Dan kollu juru allura kif il-legislatur ma kienx lest li jillimita u jirristringi c-cans ta' riabilitazzjoni ta' persuna li tikser ordni ta' probation, u huwa f'dan l-isfond li l-esponenti qed iressaq dan l-arrgavju tieghu.

L-esponenti jifhem u japprezza li l-Ewwel Qorti tat cans lill-esponenti billi ma ddecidietx d-denunzja mill-ewwel, u jifhem ukoll illi jidher li l-isforzi li ghamel matul dan iz-zmien kollu kienu zghar wisq u forsi xi ftit tardivi.

Madanakollu, l-esponenti izid bl-ikbar umiltà li filwaqt li jista' jkun li dan huwa kaz fejn l-appellanti innifsu induna tard wisq bil-problemi li huwa kellu, huwa umilment;

Fl-umili fehma tieghu, l-esponenti jissottometti illi f'kaz ta' htija huwa għandu jinghata sentenza li filwaqt illi tissalvagwardja s-socjetà u tagixxi bhala deterrent, mill-banda l-ohra tghin fir-riforma tal-imputat. Huwa biss jekk l-imputat jigi riformat, u moghti l-ghajnuna li eventwalment jitnaqqas drastikament ic-cans ta' recidività, b'dan li jinghata cans sabiex filwaqt illi jirriforma lilu nniffsu, jagħti u jpatti lura lis-socjetà, anke jekk ikun il-kaz b'xoghol fil-komunità.

Illi jinghad bir-rispett illi nonostante li xi kultant wiehed jista' jdum xi ftit biex jerga' jidritta ruhu, u jimxi fit-triq it-tajba, meta persuna fl-ahhar turi li tixtieq taghmel tentattivi serji biex tirriforma ruha hija għandha tigi moghtija opportunità biex taghmel dan. In poche parole l-appellanti jissottometti illi jekk tkun infethet tieqa ta' opportunità ghal riforma ghaliex fl-ahhar gie konxju u accetta li ghandu problema, mhux ta' min jaghlaq dik it-tieqa billi l-appellanti jintbaghat il-habs.2

Dan specjalment tenut kont tal-fatt li l-esponenti ghalkemm ufficjalment adult, huwa zaghzugh, u meta gew kommessi r-reati li ghalihom huwa kien inghata l-ordni ta' probation huwa kien għad kellu biss 16-il sena. Dan mhux qed jinghad biex dak li jkun jimminimizza l-gravità tar-reati izda biss in sostenn tal-argument li jekk hemm xaqq ta' dawl ghal riabilitazzjoni dan ic-cans ghandu jigi kkultivat, bit-tama li l-appellanti j'din l-eta zaghzugha jitbieghed darba għal dejjem mill-problemi u jkun investiment ghal tul il-ħajja kollha li fadallu.

Illi b'rabta ma' dan l-aggravju dwar il-piena, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghal numru ta' sentenzi tal-appell fejn il-Qrati biddlu pieni ta' habs effettiv ghal pieni ohra, jew irriducew il-piena, jew inkella fejn Qorti tal-Magistrati ma imponietx piena ta' prigunerija propju ghaliex taw l-opportunità lill-appellanti li jirriforma ruhu wara li raw rizultati pozittivi. Illi ftit minn dawn is-sentenzi kienu:

Jissottometti però li una volta li gie konsapevoli tal-problemi li ghandu u ghamel progress ghalkemm zghir, huwa għandu jingħata l-ahhar opportunità li johrog mill-vizzji li huwa mahkum minnhom, u jingħata piena li tghin fir-riabilitazzjoni tieghu minflok piena karcerarja. Illi l-esponenti ma huwiex jipprova jallega li f'daqqa mill-lejl ghan-nar huwa biddel hajtu, però qed jiddikjara li fl-ahhar huwa ma ghadux in denial u gharaf li ghandu l-problemi u li jrid jindirrizhom serjament, u konsegwentament għandu jkun temperament fil-piena li tagħti l-ahhar cans lill-esponenti.

Illi in sostenn tal-premess, infatti l-esponenti b'responsabilità illimita dan l-umili appell tieghu ghall-piena, u bl-ebda mod ma huwa qed jikkontesta l-mertu tad-denunzja għaliex jaf u jaghraf li zbalja u li għandu problema ta' vizzju li jrid jindirizza qabel ma jkun tard wisq. Izid però illi l-fatt li llum gharaf li zbalja u li tilef opportunità, huwa digà pass ta' ggant il-quddiem ghaliex issa lest li jibda jistinka biex johrog mill-vizzji minn jeddu, u mhux semplicement ghax hekk ordnat mill-Qorti.

Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jirrileva li huwa ghandu jingħata l-ahhar opportunità b'dan li l-piena moghtija għandha tkun wahda mhux ta' prigunerija effettiva, izda piena ohra li tkompli tghin lill-esponenti una volta li jidher li għalkemm forsi tard, l-esponenti qed jiehu inizzjattiva hu stess biex jghin lilu nnifsu jeghleb il-vizzji.

Illi in sostenn ta' dan l-umili aggravju tieghu dwar il-piena l-esponenti jaghmel umili referenza ghall-fatt illi filwaqt li bniedem li instab hati ta' reat ghandu ihallas ta' ghemilu, dan kollu għandu jsir b'bilanc ukoll lejn ir-riabilitazzjoni tal-hati.

L-esponenti, jerga' umilment jissottometti illi huwa ma huwiex qieghed iressaq dan l-aggravju sabiex b'xi mod jipprova jiggustifika kwanlunkwe ksur ta' ligi, madanakollu, però, bl-umiltà kollha jissottometti, illi għalkemm huwa naqas milli jottempra ruhu mal-ordni tal-probation, u l-isforzi li ghamel ricentament ma jidhirx li kienu bizzejjed ghall-Ewwel Onorabbli Qorti biex tikkunsidra piena ohra mhux karcerarja, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-esponenti huwa "*beyond redemption*". Huwa jemmen illi specjalment wara l-isforsi zghar u l-fatt li issa minn jeddu jaf u jixtieq illi jrid jehles mill-vizzji li hakmuh, huwa ma huwiex il-kandidat li f'kaz ta' htija ghandu bilfors u awtomatikament jingħata piena karcerarja effettiva.

✓ **Il-Pulizija vs Dennis Portelli et**. deciza mill-Qorti tal-Appell 26/11/09;

✓ **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14/09/10;

✓ **Il-Pulizija vs George Farrugia**, deciza fil-Qorti tal-Appell nhar it-18/01/01

✓ **Il-Pulizija vs Grezzju sive Horace Cassar** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/08/02, fejn hanwhekk il-Qorti anke ghamlet referenza ghal gurisprudenza ohra u dottrina dwar l-iskop tal-piena; ✓ **Il-Pulizija vs John Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25/04/06;

✓ **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/11/08; ✓ Il-Pulizija vs Eusebio Busuttil, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar 27/03/2012, fejn I-imputazzjonijiet kienu dwar ricetazzjoni, u l-imputat kien recidiv wara li kien inghata zewgt sentenzi ta' habs effettiv, u nonostante ciò, il-Qorti ma imponietx sentenza ta' habs effettiv izda minflok ordnatlu li jaghmel xoghol fil-komunità.

- ✓ **Il-Pulizija vs Bushra Triganza**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru 2014;

Fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti gie ritenut li l-isforzi ma kienux notevoli bizzejjed biex il-Qorti taghtih cans iehor, madanakollu, huwa qieghed jitlob minn issa bir-rispett illi in sostenn ta' dan l-aggravju tal-piena, jitilgħu jixhdu r-rapprezentanti tal-għaqdiet u l-agenziji li maghhom ser ikun qieghed jahdem minn jeddu sabiex jeghleb il-vizzji sabiex dawn ikunu jistghu jikkonfermaw l-progress o meno tal-appellanti.

L-esponenti konvint illi jekk, u una volta, jigi awtorizzat illi jressaq tali rapprezentanti professjonisti sabiex jixhdu dwar l-andament tal-esponenti pendenti l-mori tal-appell, dawn ser ikunu qed jikkonfermaw li l-andament huwa wiehed li jimmerita l-ahhar cans.

Illi fl-ahhar lok, u b'mod partikolari minhabba li jidher li l-ikbar problema hija dik tad-droga, l-esponenti jaghmel ukoll umili referenza ghall-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jidher bic-car li l-legislatur ghamel enfazi fuq il-fatt li kull min ghandu problema tad-droga għandu jingħata c-cans li jirriabilita ruhu. Illi din l-osservazzjoni għandha tapplika iktar u iktar fil-kaz odjern, fejn dak li wassal ghall-kaz odjern ma huwiex kundanna ta' reat iehor waqt il-perjodu tal-probation, izda nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-istess ordni tal-probation - liema nuqqas ta' osservana huwa primarjament minhabba li l-esponenti kien mahkum mill-vizzju tad-droga.

Illi c-cans li persuna ghandha tinghata biex tirriabilità ruhha kien wiehed mill-ghanijiet principali li ssemmew meta kien qed jigi diskuss l-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar id-Dipendenza tad-Droga (Trattament mhux prigunerija). In konnessjoni mal- premess intqal li:

"*La tidħol fis-seħħ din il-liġi se nkunu qegħdin hemmhekk biex ngħinu lil dawk il-persuni li jridu joħorġu mill-vizzju u se nibqgħu nkunu paċenzjużi magħhom anke jekk l-ewwel darba jgħidulek le jew jipprovaw imma jiżolqu.* *Irridu nibqgħu ngħinuhom sakemm joħorġu mill-vizzju*." 3

"*Fl-aħħar snin sibna ruħna konvinti aktar minn qatt qabel li rridu nħarsu lejn il-persuna li tabbuża mid-drogi bħala bniedem bi problemi aktar milli bħala kriminal. Jiġifieri rridu nħarsu lejh bħala persuna li għandha bżonn l-għajnuna tagħna qabel il-kastig,* *persuna li għandha bżonn tiġi riabilitata u rijintegrata fis-soċjetà aktar milli priġunerija u seklużjoni u allura esklużjoni soċjali*."4

In oltre fil-White Paper intitolata - Riforma tal-Ligijiet dwar id-Drogi tal-Abbuz jidher ukoll car li gie accetat li l-uzu personali tad-droga hija problema ta' sahha u problema socjali u mhux biss problema kriminali u kwindi ghal darb'ohra terga' tohrog I-enfazi fuq ir-riabilitazzjoni izjed mill-inkarcerazzjoni. L-istess White Paper infatti tistipola li:

"*Il-Gvern jemmen li m'għandniex nibqgħu nħarsu lejn l-użu personali ta' drogi tal-abbuż unikament bħala reat u minflok inħarsu lejn l-użu ta' drogi tal-abbuż bħala xi ħaġa li tista' twassal għall-addiction u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata bħala problema tas-saħħa. M'għandniex nibqgħu nikkastigaw nies dipendenti fuq id-drogi. Minflok għandna nghinuhom biex nassiguraw li jkollhom aktar aċċess għal trattament li jkun ibbażat fuq evidence-based treatment tad-droga.*

*Diġa' saru stqarrijiet importanti f'dan is-sens mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u din hija ħaġa pożittiva mmens. Dan l-approċċ ikun ifisser tnaqqis fl-inkarċerazzjoni u żvilupp ta' mekkanizmi alternattivi biex jittrattaw ma' ħabsin li jabbużaw mid-droga. Dan l-approċċ wara kollox huwa appoġġjat mill-konvenzjonijiet tad-droga tal-Ġnus Magħquda, b'mod partikolari mill-UN Standard Minimum Rules for*

*Non- custodial Measures (the Tokyo Rules), u aktar recentement mill-International Narcotics Control Board (INCB), li enfasizzaw il-prinċipju ta' proporzionalità li għandha tiġi applikata għal reati ta' pussess personali, ix-xiri, il-kultivazzjoni u l-użu "bħala alternattiva shiha għall-kundanna u l-kastig" għal dawn it-tipi ta' reati.""*

Ovvjament l-esponenti ma huwiex qed jislet il-premess, biex jiskuza jew jiggustifika l-vizzju tieghu u l-konsegwenti ksur tal-ordni tal-Probation, izda qieghed jargumenta bir-rispett li anke l-premess għandu jimmilita favur piena iktar miti ghaliex: fl-ewwel lok, jidher car li jekk bniedem ghandu vizzju tad-droga, il-habs ma huwiex necessarjament, anzi hafna drabi ma huwiex, l-ambjent gust li fih wiehed jeghleb il-vizzju; u fit-tieni lok, li jekk ikun hemm xaqq ta' dawl li juri xewqa genwina, ghalkemm forsi tardiva, ta' riabilitazzjoni, ikun fl-interess mhux biss tal-persuna vizzjata, izda wkoll tas-socjetà in generali li tali xaqq ta' dawl ma jigix mitfi ghaliex persuna riabilitata fis-socjetà ifisser kaz inqas ta' recidività.

Illi konsegwentament, una volta li l-ligi stess fl-artikolu 21 tal-Kap 446 ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' piena ohra li ma hijiex karcerazzjoni effettiva, l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fid-dawl ta' dak li ser jigi muri matul is-smigh tal-appell, huwa ghandu jinghata piena iktar mita.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2023.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[1] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[3] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [4] fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Irid jigi imfakkar li d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003
[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[3] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Illi sabiex din il-Qorti tkun taf jekk l-ewwel Qorti esercitatx id-diskrezzjoni taghha fil-parametri tal-ligi ghandha tara jekk dik l-Qorti applikatx il-piena stabilita mill-ligi ghal ksur li kien rinfaccjat bih. L-esercizzju li trid taghmel m'huwiex biex tara jekk l-ewwel Qorti applikatx l-minimu jew massimu tal-piena stablita mill-ligi izda li tara li l-piena li imponiet hija wahda idoneja fic-cirkostanzi u in oltre li hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Illi jinghad li din il-kawza si tratta talba maghmula mill-Ufficcjal tal-Probabtion prezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Dcembru 2017 fejn gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghal fatt li l-appellant ma kienx qed joqghod ghad-direttivi taghha billi ma kienx qed izomm ruhu f'kuntatt maghha skond id-direttivi li kienu qed jinghataw lilu. In oltre stqarret li l-appellant ma kienx qed joqghod ghal pjan ta' kura li kien gie imfassal ghalieh biex jittratta l-problema li huwa ghandu tal-vizzju tal-loghob tal-azzard. Tghid ukoll li l-appellant fis-7 ta' Novembru 2017 kien ammetta li kien qed jghamel uzu mid-droga Cannabis izda ma ssottomettiex ruhu ghat-test tal-awrina u ghalhekk ma setghetx tikkonferma jek kienx qed jghamel uzu minn droga ohra ukoll.

Dik l-ewwel Qorti appuntat dan ir-rikros tal-Ufficjal tal-Probabtion ghas-smiegh u semghet lill-istess Ufficcjal tal-Probabtion tixhed fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018. Spejgat li id-denunzja kient saret minhabba n-nuqqas ta' attendenza tal-appellant. Tghid li dak iz-zmien kien ukoll gie identifikat li ghandu problema tal-vizzju tal-loghob tal-azzard. Kienet saret referral lis-Sedqa izda huwa ma zammx kuntatt mal-care worker tieghu hemmhekk. Qalet li kien ilu iktar minn sena li jghati kampjun tal-awrina tieghu. Tghid li l-appellant ma jiehux l-affarijiet bis-serjeta u ghalih xejn mhu xejn ghalkemm dak iz-zmen kien ghad ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena. Tghid li l-appellant kellu jiehu l-kwistjoni bis-serjeta u sahansitra jibda jghati il-kampjuni tal-awrina tieghu. Tikkonferma li dwar xoghol ma kienx hemm problemi.

Nhar il-11 ta' Lulju, 2018 tghid li l-appellant kien attenda ghal appuntament nhar it-22 ta' Mejju, 2018 u fit-8 ta' Gunju, 2018 fejn tkellmu fit-tul kif l-appellant ghandu ikun iktar indipendenti. Izda ma attendiex ghat-tlett seduti sussegwenti u cioe' dik tal-21 ta' Gunju 2018, dik tal-24 ta' Gunju, 2018 u dik tat-28 ta' Gunju 2018. Tghid li testijiet tal-awrina ma sarux ghax meta attenda ma kienx hemm nurse. Qalet li l-appellant kien qed juri naqra ta' progress fl-ghemil tieghu u kien qallha li ma kienx mar ghall-

appuntamenti tieghu ghaliex kien sab xoghol gdid. Qalet li kienet rat xi potenzjal stante li l-appellant kien ghadu zghir, problema ta' droga ma kienitx kostanti, xoghol kellu izda xtaqet li ikun hemm iktar kuntatt regolari u jibda jiehu responsabilita' tieghu nnifsu.

Nhar il-15 ta' Ottubru 2018 xehdet l-ufficjal tal-Probabtion Rona Custo u qalet li minn dakinhar li kienet xehdet 'l quddiem l-appellant kellu seba' appuntamenti u minn dawn attenda ghal tnejn minnhom. Qalet li bhala attitudini kien hemm titjib ghal kemm l-attendenza ma hiex kif tixtieq. Qalet li kien irrizulta posittiv ghat-tehid tad-droga Cannabis nhar it-13 ta' Settembru 2018 u in fatti ammetta maghha li kien ghad hemm problema t-tehid ta' din id-droga u li kellu l-problema tal-loghob tal-azzard. Kien qallha li kien ser imur is Sedqa biex jindirizza din il-problema ahharija izda ma marx. Mistoqija x'raguni kien itiha meta kien ifalli l-appuntamenti tghid li ma kienx itiha dejjem. Issugeriet li kien important li jghamel kuntatt mas-Sedqa.

Nhar il-25 ta' Frar 2019 regghet xehdet l-ufficjal tal-Probabtion Rona Custo tghid li giet infurmata li l-apellant kien qieghed arrestat fuq kaz iehor gdid u tghid li l-kollega taghha Marylyn Formosa kienet tatu tlett appuntamenti u ghal darb ohra fallihom. Qalet ukoll li l-kuntatt li kien ghamel mas-Sedqa kien gie imwaqqaf ukoll minn naha tas-Sedqa u dan ghaliex ma kienx kostanti bi zamma tal-appuntament. Tghid li minn Ottubru sa Jannar 2019 l-appellant attenda biss ghal zewg appuntamenti maghha u wiehed minnhom kien mar tard. Tikkonferma li fir-rigward ta' xoghol l-appellant dejjem kellu xi impieg jew iehor.

Illi fid-19 ta' Novembru, 2019 l-ewwel Qorti ghogbitha tghaddi ghas-sentenza taghha u spjegat li r-rikors tal-ufficjal tal-probation kien gie prezentat hames xhur wara li kien inghata l-Ordni ta' Probation fil-konfront tal-appellant. Stqarret li d-denunzjat nghata l-opportunita' kollha biex anke wara li saret id-denunzja jibda jsegwi l-ordnijiet u direttivi moghtija lilu. Ghal xi ftit kien hemm tentattiv izda mill-bqija id-denunzjant wera bic-car li ghalih mhu xejn u nonotante li kien gie spejgat lilu kemm meta nghata l-Ordni tal-Probabtion kif ukoll waqt id-differiment tad-denunzja l-knsegwenzi jekk huwa ma jsegwix l-ordiniiet ma jridix jifhem. Stqarret ukoll li l-problemi li ghandu l-imputat ossija l-loghob tal-azzard u l-vizzju tad-droga ghalkemm dak tal-ahhar mhux

daqstant akut huma serji u jehtieglu li jindirizzhom. Fil-fehma taghha deher car li l-ghan tal-probation mhux qed jintlahaq u jehtieg li jittiehdu mizuri differenti fil-konfront tal-appellant. Dik il-Qorti dehrilha li tat cans lill-istess denunzjant bizzejjed sabiex jirregola ruhu anke in vista tal-fatt li ghaddiet ghas-sentenza taghha sentejn wara li giet prezentata d-denunzja izda dan kien kollu ghal xejn. Ikkonkludiet billi stqarret li ghalkemm huwa importanti li bniedem ikollu impjieg fiss dan mhux kollox biex f'kaz bhal dan jezonra ruhu mill-obbligi tieghu. Id-denunzjant gie jaqa' u jqum mill-ordnijiet li nghatawlu irrifjuta li jifhem li fil-hajja trid tisma mill-awtoritjiet gialadarba dak li jkun qieghed jinghad ikun ta' gid ghalih. In vista ta' dan kollu l-Qorti kienet tal-fehma li l-appellant ma jisthoqlux cans iehor biex jirregola ruhu u jindirizza l-problemi serji tieghu u kien ghalhekk li iddecidiet li tikkundannah ghal piena karcerarja billi ittratat mieghu mill-gdid ghar reat li taghhom instab hati.

Jidher minn ezami tal-provi li din il-Qorti ukoll bhal-ewwel Qorti tat cans lill-appellant sabiex jindirizza l-problemi tieghu u joqghod ghad-direttivi li kienu qed jinghataw lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu tant li r-rikros tal-appell tieghu fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti dahal fl-4 ta' Dicembru 2019 u is-sentenza finali ser tinghata proprju illum.

Nhar l-14 ta' Lulju 2020 l-appellant talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' droga ai termini tal-artikolu 8 tal-kapitoli 537 tal-ligijiet ta' Malta u talbet li tressaq xhieda in sosten tat-talba taghha. Dr Schembri ghall-Avukat Generali oggezzjonat ghat-talba tal-appellant u dan ghaliex stqarret li l-appellant kien diga inaghta diversi opportunitatjiet biex jirriforma ruhu izda ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet li inghataw lilu.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti nhar l-1 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet premessi fejn fid-dawl ta' dak li ntqal mill-ufficjal tal-probation kif ukoll fid-dawl tal-fatt li meta kkommetta r-reati in kwistjoni kien ghad ghandu sittax-il sena kif ukoll in vista ta' dak li kien hemm imnizzel fic-certfikat mediku rilaxxat minn Dr George Grech laqghet it-talba sabiex tisma ix-xhieda li d-difiza xtaqet tressaq in sosten tat-talba taghha u

irriservat li tipprovdi dwar it-talba *ut sic* sabiex tikkonverti ruhha fil-Qorti ta' Droga wara li tisma u tevalwa x-xhieda li kienu ser jigu imharrka biex jixhdu quddiemha.

Rat ix-xhieda ta' **Dr George Grech** moghtija nhar il-15 ta' Settembru 2020 u kkonferma li Kurt Amato ghandu problema komplessa hafna ghax ghandu problema ta' tehid ta' droga u ta' gambling. Qal li dawn il-problemi kienu ilhom fuqu. Jghid li kien hadlu test tal-awrina u kien ta rizultat posittiv ghat-tehid tal-Cannabis u dak iz-zmien il-partner tieghu kien ser ikollha tarbija u ghalhekk Amato kellu ukoll ansjeta. Jghid li d-droga juzaha mhux ghaliex hu dipendenti fuqha izda bhala reazzjoni ghas-sitwazzjoni li jinsab fiha. Jghid li fiz-zmien meta rah Amato kien jghamel uzu ukoll mid-droga Kokaina.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2020 l-Qorti nnominat lil Dr Roberta Holland sabiex tghamel assessment tal-appellant u tirrelata dwar id-dipendenza o meno li kellu u/jew li kien ghad ghandu. L-espert kellha ukoll tindirizza iz-zmien tal-akkuzi in kwisjtoni u cioe' is-sena 2013 fil-gudizzju taghha kif ukoll iz-zmien sussegwenti meta giet intavolata id-denunzja relattiva.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2020 xehdet **Dr Roberta Holland** u esebiet ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala dok RH. Ikkonkludiet li Amato kellu problema ta' abbuz tad-droga Cannabis u Kokaina u dan minn mindu kien ghadu zghir ta' erbatax-il sena. Qalet li kien beda bil-Cannabis u wara beda biex ipejjep il-Kokaina. Tghid li hemm storja li tindika li kien dipendenti tant li anke kazijiet ohrajn kellu. Tispjega li kien ghamel sena l-habs meta kien ghad kellu sbatax-il sena. Qalet li minbarra l-problema ta' abbuz tad-droga kien hemm problema ta' attitudni u n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tieghu kienet waslet lill-ufficjal tal-probabtion biex tiddenunzjah. Qalet li kien irregistra ftit progress izda kien ghadu qed jaghmel uzu mill-Cannabis izda mhux regolari. Zgur li ma kienx astinenti. Mit-tehid tad-droga Kakaina jidher li kien waqaf. Qalet li ghandu bzonn xi tip ta' terapija minhabba anger management u filfatt kien qieghed fuq il-waiting list mas- Sedqa biex jibda jindirizza din il-materja. Qalet li rat ftit ta' progress fih ghalkemm kien hemm bzonn izjed.

Tghid li d-dipendenza li kellu kienet wahda severa jigifieri gravi u dan kien qed jaffettwalu sferi ohra u aspetti ohra minn hajtu bhal imgieba extravaganti u loghob tal-azzard. Qalet li meta xehed Amato kellu 23 sena u ghalhekk zgur li kien mexa l-

quddiem minn meta kien il-habs ta' sbatax-il sena u forsi beda jahseb fuq il-konsegwenzi ta' ghemilu.

Tghid li gja ghamel progress ghaliex il-bidla fl-attitudini hija diga progress u bidla fl-imgieba u bhala imgieba kien hemm progress. Pero qalet li ghad baqalu fejn jahdem. Ghandu problema ta' attituduni u ghalhekk min jghinu irid ikun jaf b'dan ukoll. Ikkonfermat li sforz kien hemm minn naha tieghu tant li ghandu illum ragunar tajjeb huwa artikulat ghandu *insight* ta' dak li hu mistenni minnu. Ghalhekk ghandu potenzjal li jirriabilita ruhu. Tghid li ghandu jigi segwit bi terapija u process holistiku.

Rat is-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2020 fejn kienet laqghet it-talba tal-appellant biex tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga u kkonvertiet ruha fi Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal Bord tar Rijabilitazzjoni ta' Persuni li inqabdu bid-droga fejn stqarr li ma kienx sar progress da parti tal-appellant nonostante illi l-Bord tah diversi opportunitajiet u ghalhekk ikkunsidra l-kaz maghuq **mhux b'success.**

Dr Alfred Abela ghall-appellant talab li jressaq bhala xhieda lil Glenn Grixti l-ufficjal tal-probabtion tal-appellant kif ukoll rappresentant tal-OASI.

Rat ix-xhieda tal-**Ufficcjal tal-Probabtion Glenn Grixti** moghtija nhar it-2 ta Gunju 2022 fejn dan stqarr kien beda jsegwi lill-appellant fuq Provisional Treatment Order li inharget f'Awwissu 2021. Jghid li Amato ma kienx persuna gdida ghad-dipartiment u kien ilu jigi segwit ghal madwar ghaxar (10) snin. Jghid li fl-ewwel xhur tas-supervizjoni l-andament tieghu ma kienx wiehed tajjeb filfatt kien hemm diversi pjanijiet ta' kura li ma segwiex. Kien jghamel uzu mill-Canabis u mill-Kokaina. Tant hu hekk li anke l-Bord tar-rijabilitazzjoni kien gie mgharraf minhabba li kien hemm in-nuqqas. Qal li pero minn Frar jew Marzu 2022 l-appellant rega beda isegwi certu pjan ta' kura u jinvolvi li jkun f'kuntatt mal-OASI u kien gie nfurmat li jinsab fi stat ta' stennija biex jippartecipa fil-programm residenzjali tal-vizzju kontra d-droga. Il-kampjuni li kienu qed jittiehdu tal-awrina tieghu taw rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga Cannabis. Jghid ukoll li kien hemm xi appuntamenti li ukoll kien falla mieghu ghalkemm kien ipprezenta certifikat mediku sabiex jiggustifika in-nuqqas ta' attendenza tieghu. Jghid li l-progress tieghu kien wiehed sinjifikattiv.

**Chris Mercieca** bhala rppresentant tal-OASI xehed nhar it-2 ta' Gunju, 2022 qal li Amato l-ewwel darba li stabilixxa kuntatt mal-OASI kien fit-18 ta' Marzu 2022 u dan sabiex jigi ammess fi programm residenzjali u kien fi stat li jigi ammess u jinsab fil-*waiting list.*

Rat ix-xhieda moghtija mill-psikjatra **Dr Joe Cassar** nhar is-6 ta' Settembru 2022 u kkonferma li Amato ma ibatix minn mard tal-genn fil-mohh skond it-termini tal-ligi. Jghid li ciononnostante jinsab taht kura psikjatrika fuq ansjeta u dwejjaq u fl-1 ta Lulju 2022 kien gie ccertfikat li 'kien barely able to function'. Jifhem sew in-natura tal-akkuzi li ghandu fil-konfront tieghu. Huwa bniedem anzjus u imdejjaq. Jghid li ibghati minn Cocaine and Cannabis disorder u hafna mis-sintomi psikjatrici tieghu huma relatati ma' din id-disordni. Jghid li ghadu bil-vizju tad-droga.

Rat in-nota fejn maghha kien hemm anness email li irceviet ir-registratur tal-Qorti mill-Fondazzjoni OASI. Is-sur Mercieca ghan-nom tal-OASI ikkonferma li Amato kien f'kuntatt mal-OASI bejn it-18 ta' Marzu 2022 u it-28 ta' Gunju 2022. Dan rega ghamel kuntatt fis-16 ta' Awwissu 2022 sabiex jibda programm residenzjali izda kien fuq il-*waiting list* ghal darb ohra.

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Mark Xuereb nhar id-9 ta' Dicembru 2022 fejn stqarr li Amato jinsab indispost u kellu jghamel perjodu ta' tlett xhur.

Rat ix-xhieda u relazzoni ta' Dr Claire Axiaq u minn ezami tal-istess jirrizulta li s-sur Amato ma wera l-ebda sintomi li jistghu jaffettwaw l-abilita' tieghu sabiex isegwi l-process il-Qorti.  Ma jidhirx li hemm problemi dijanostici sabiex tintlahaq dijanosi ta' ansjeta jew depressjoni severa hekk kif hija spjegat fir-rapport taghha. Qalet li l-uzu tal-Cannabis jista' jkun wiehed problematiku ghal fini ta' livell ta' dipendenza.

Illi minn ezami ta l-istess u cioe' minn dak li rrizulta mix-xhieda mismugha u cioe' mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation tad-diversi medici jirrizulta li l-appellant ma ghamilx l-almu kollu tieghu biex jindirizza il-problemi li huwa ghandu relatati ma'

tehid tad-droga u tal-loghob tal-azzard. Jidher li fil-fatt lanqas quddiem il-Bord ma zamm l-appuntamenti li nghtaw lilu u fil-fatt ma rregistra l-ebda success quddiem il-Bord. Jirrizulta ukoll li ma kienx kapaci lanqas jghamel programm shih ta' dittosifikazzjoni u dan ghaliex ma segwix il-programm kollu fl-OASI.

Jirrizulta ghalhekk li l-appellant minkejja li inghata diversi opportunitajiet kemm mill-ewwel Qorti kif kif ukoll minn din il-Qorti biex jirranga ruhu dan ripetutament injora l-ghajnuna li kienet qed tinghatalu fuq medda ta' snin. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jidhrix li d-difiza pprovdiet xi ragun imqar wahda valida il ghaliex din il-Qorti ghandha tvarja l-piena imposta mill-ewwel Qorti.

Ma hemmx dubbju li minhabba li sabet lill-appellant hati talli naqas li isegwi l-ordnijiet tal-Ufficjal tal-Probation hija ddecidiet sabiex titratta mal-appellant hi stess mall-akkuzi originali daqs li kieku kien qed jinstab hati ghall-ewwel darba. Jidher li l-piena li hija errogat ta' tmintax-il xahar ghal akkuzi moghtija ma hiex fil-massimu taghha u ghalhekk ma hemmx lok li tigi varjata.

L-appellant jistqar li l-ewwel Qorti messha applikat ammenda fil-konfront tal-appellant ai termini tal-artikolu 21 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 23 ta l-itess kap. L-artikolu 21

*L-Artikolu 23 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li: -*

> *23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjonikomunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta'probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*
>
> *(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li*

*tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

Issa ma hemmx dubju li d-denunzja li ghamlet l-ufficjal tal-probation quddiem l-ewwel Qorti kien dirett sabiex din il-Qorti titratta mill-gdid mal-akkuzat ghar-reati li taghha kien instab hati meta kien inghata l-Ordni tal-Probation. L-ewwel Qorti hasset li wara li tat lill-appellant dak iz-zmien kollu biex jipprova jirranga hajtu u jisfrutta l-opportunitajiet li nghata u dan naqas li jaderixxi ruhu hija kellha tikkundannah mill-gdid ghar-reati li taghhom kien instab hati originarjament.

Ghalhekk stante li l-piena imposta taqa' fil-parametri tal-ligi din il-Qorti qeghda tikkonfermaha fl-intier taghha u b'hekk qeda tikkonferma is-sentenza appellata *in toto*

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**